**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020;**

**<u>Rikors nru: 69/2020 AGV :</u>**

**AB C**

**Vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB C** datat 19 ta' Frar 2020 , fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-esponenti izzewwget lil DC, l-intimat nhar l-24 ta' April 1998, hekk kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Li minn daz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ulied , cjoe' EFD, li hija maggorenni u GHD li ghadha minuri;
3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn xulxin ghal aktar minn 4 snin . Illi huma sseperaw legalment b' kuntratt redatt minn Dr. Claire Camilleri

datat 17 ta’ Frar 2016, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkat Dok. B;

4. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli jew remot ghal-rikonciljazzjoni , peress li ilhom snin twal mifruda, u barra minn hemm illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin;
5. Illi l-esponenti u l-intimat kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minn xulxin;
6. Illi s-Sur C qed ihallas b’ mod regolari l-mateniment versu uliedu, u ma hemm l-ebda pendenzi ta’ manteniment;
7. Illi dawk il-fatti kif premessi jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, ( Kapitolu 16 tal-ligijiet ta’ Malta);

Ghaldaqstant in vista tas-suespost , l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tiddikjara liz-zwieg bejn ABC u DC ccelebrat nhar l- 24 ta’ April 1998, huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex entro t-terminu ffissat mill-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bill-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku , kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-intimat, minn issa in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' DC** datat 17 ta' Gunju 2020, fejn espona bir-rispett ;

1. Illi l-esponent iddikjaraw illi huwa jaqbel mal-kontenut tar-rikors guramentat odjern u jikkonferma illi filwaqt illi huma ssperaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri tas- 17 ta' Frar 2016, u li mid-data tieghu ghaddew izjed min erba' snin u ma hemmx prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaldaqstant l-esponenti ma jopponix ghat-talba ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet kif dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrenti AB C.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**